- *Diskressjoni jekk il-Qorti tiddeklinax il-kompetenza kostituzzjonali tagħha*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 121/2022 GM**

**Southern Cross SICAV plc (SV 365)**

**vs**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Southern Cross SICAV plc (SV 365) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

**A. <u>Introduzzjoni</u>**

1. Permezz ta' ittra datata 31 ta' Diċembru 2021, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. SCS 1** (l-"**Ittra**"), il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja ("**il-Korp**") ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija u tlett elef, seba' mija u għaxar ewro (€303,710) (id-"**Deċiżjoni**") ai termini tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta (l-"**Att**") u Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) (ir-"**Regolamenti**");

2. Kif jirriżulta mid-Deċiżjoni nnifisha, tali piena amministrattiva ġiet imposta wara li l-Korp allegatament sab diversi nuqqasijiet fl-operat tal-kumpannija rikorrenti;

3. Il-kumpannija rikorrenti ħassitha aggravata mid-Deċiżjoni u għaldaqstant ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), skont it-termini tal-Att, liema appell ġie appuntat għad-9 ta' Marzu 2022. Kopja tar-rikors tal-appell qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dok. SCS 2** u jagħti rendikont dettaljat tal-isfond fattwali li wassal għall-intavolar tal-proċeduri in kwistjoni. Madanakollu, apparti aggravji ibbażati fuq il-liġi ordinarja, il-kumpannija rikorrenti għandha wkoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Att, ir-Regolamenti, l-investigazzjoni li saret mill-Korp kif ukoll mad-Deċiżjoni, u għaldaqstant qed tressaq ukoll dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħha;

4. Kif se jiġi spjegat f'dan ir-rikors u kif se jirriżulta f'aktar dettall matul is-smigħ tal-kawża, il-kumpannija rikorrenti qiegħda tressaq dan l-ilment minħabba l-fatt li, skontha, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fl-Att u fir-Regolamenti li minnhom infushom jilledu d-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Barra minn hekk, jirriżulta wkoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kien bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Qed jiġi wkoll sottomess li l-Att, ir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* ma jimxux mal-prinċipju *nullem crimen nulla poena sine lege* u għaldaqstant dan ukoll jikser d-drittijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti qed tressaq il-pretensjonijiet tagħha li:

i. L-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti li huma d-dispożizzjonijiet fil-liġi abbażi ta' liema l-Korp jingħata l-poteri sabiex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur, u 'qorti', u jissussisti n-nuqqas ta' rimedju adegwat ta' appell, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("**il-Konvenzjoni**");

ii. Il-mod kif mexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni relattiva, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni;

iii. L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-*Implementing Procedures Part I* maħruġa mill-Korp ("**L-Implementing Procedures**") abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan peress illi l-Korp abbuża mid-

diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Southern Cross SICAV plc kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi;

**B. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni**

5. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi. Dan għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili b'dan illi l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti li tkun imwaqqfa bil-liġi;

6. Huwa stabbilit minn ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali (kif stabbilit fil-każ *Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali Kompetizzjoni*[1]). B'hekk l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-kap kriminali tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma applikabbli f'dan ir-rigward, u dan kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

7. Jirriżulta ċar, li għalkemm dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jittrattaw kwistjonijiet li għandhom in-natura ta' akkużi kriminali. Għaldaqstant jirriżulta illi l-proċeduri ta' natura penali u l-impożizzjoni tal-piena, hekk imsejħa amministrattiva, ġiet imposta mill-Korp u mhux minn qorti indipendenti u imparzjali skont kif rikjest mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u għal din ir-raġuni, il-Qorti għandha ssib li l-liġi hija leżiva u għandha tilqa' t-talbiet rikorrenti;

**C. Il-Ksur tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**

8. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, minn analiżi tal-artikoli u r-regolamenti relevanti tal-Att u tar-Regolamenti wieħed jista' jikkonkludi illi hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-kumpannija rikorrenti u dan kif se jkun elaborat f'din il-parti tar-rikors:

Il-Korp bħala Awtorita' mhux indipendenti u awtonoma

9. Minkejja li skont l-artikoli 15 u 16 tal-Att jirriżulta illi l-Korp huwa responsabbli, *inter alia*, għall-ġabra, kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled il-*money laundering* u l-finanzjar ta' terroriżmu, u għandu wkoll il-poter li jinvestiga lil persuni suġġetti kif ukoll jimponi pieni amministrattivi, ma jistax jingħad li l-Korp huwa wieħed indipendenti u imparzjali, u dan għal raġunijiet li se jkunu spjegati u ppruvati matul is-smigħ ta' dan ir-rikors;

[1] *Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Mejju 2016*

10. Il-Korp huwa awtorita` pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin, u għalhekk ma jistax jitqies bħala wieħed indipendenti u imparzjali, għaliex la huwa indipendenti minnu nnifsu u lanqas huwa imparzjali fil-mod li jasal għall-konklużjoni ta' ħtija meta jkun hu li jivvalida l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Bl-istess mod, minkejja li l-proċess investigattiv quddiem il-Korp ma jiżgurax id-dritt għal smigħ xieraq, il-Korp xorta waħda għandu poteri wiesgħa u diskrezzjonarji biex jimponi sanzjonijiet u multi kbar u punittivi;

11. Il-pieni li jiġu mposti mill-Korp huma tali li ma jeċċedux ħames miljun Ewro (€5,000,000) jew għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali tal-persuna li hija suġġetta għall-piena amministrattiva.[2] Skont ir-Regolamenti mbagħad, f'każ ta' persuna suġġetta li qiegħda twettaq xi attivita` relevanti, il-Korp ma jistax jimponi piena amministrattiva li teċċedi miljun ewro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, mhux iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub.[3] Dawn il-pieni jiġu mposti skont proċedura mfassla mill-Bord minn żmien għal żmien, liema proċedura ma tiġix ippubblikata u ma tinġabx a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħal Southern Cross SICAV plc, u għaldaqstant dan ikompli jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza tal-Korp;

12. Konsegwentement, jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti u lanqas Tribunal, u wisq anqas ma hi indipendenti u imparzjali, għandu wkoll jirriżulta illi hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

<u>L-appell li jingħata skont l-Att mhuwiex rimedju adegwat sabiex jassigura d-dritt għal smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni</u>

13. L-Att jipprovdi li d-Deċiżjoni tal-Korp, kif ukoll l-impożizzjoni ta' multa, ai termini tal-Att jew tar-Regolamenti, tista' tiġi appellata skont l-Artikolu 13A, kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq punti ta' dritt. Għalkemm mad-daqqa t'għajn jidher illi ma hemm ebda leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq peress illi l-appellant jista' jitlob reviżjoni kemm fuq fatti kif ukoll fuq punt ta' liġi, xorta waħda wieħed irid jikkonsidra l-mod kif il-liġi titlob illi jsir dan l-appell. Il-proċedura tal-appelli ċivili hija regolata skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biss pero`, skont din il-liġi, din mhijiex proċedura intiża sabiex tissanzjona l-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fil-proċedura li saret quddiem il-Korp. Għaldaqstant jirriżulta illi l-appell li jista' jsir skont l-Att kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 ma jwasslux għall-possibilta` ta' Qorti li tista' b'mod sħiħ tikkunsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali, peress illi l-proċedura tal-appell kontemplata fil-Kap. 12 hija regolata b'mod strett, u ma tixbaħ xejn lill-proċeduri tal-Prim' Istanza.

14. B'hekk huwa ċar illi l-proċess tal-appell konċess lill-kumpannija Southern Cross SICAV plc mhuwiex wieħed illi jipproteġi bi sħiħ id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni, u dan stante illi dawn il-proċeduri ma jagħtu ebda forma ta' ċertezza jew serħan il-moħħ li l-kumpannija rikorrenti se jkollha smigħ xieraq u adegwat kif għandha tkun intitolata fil-każ de quo;

---

[2] *Regolament 21(4)(b)(ii) tar-Regolamenti.*
[3] *Regolament 21(4)(b)(i) tar-Regolamenti.*

15. Il-kumpanija rikorrenti tirrileva li huwa wkoll kruċjali li l-liġi awtomatikament tagħti l-opportunita` sħiħa lill-Qorti li tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha wara li tkun għamlet apprezzament sħiħ tal-fatti u tal-liġi rilevanti, kellha aċċess sħiħ għall-*file* intern tal-Korp u tkun semgħet ix-xhieda kollha li għandhom il-partijiet. Dan mhux garantit fil-proċeduri tal-appell peress illi l-Qorti tal-Appell għandha biss diskrezzjoni iżda mhux legalment obbligata tagħmel dan;

16. In ogni każ, anke jekk bħala fatt il-Qorti tal-Appell, f'każijiet partikolari, tikkonċedi dan kollu fil-proċess tal-appell, xorta waħda għandha tkun il-liġi illi tipprovi għal protezzjoni sħiħa u m'għandhiex sempliċiment tistrieħ fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li tippresjedi xi appell partikolari. Għalhekk, din il-protezzjoni m'għandhiex tkun biss konċessjoni tal-ġudikant li qiegħed jippresjedi, iżda għandha tiġi mil-liġi stess illi tipprovdi għad-dritt fundamentali li huwa protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta;

17. Bl-istess mod u biex ikun hemm parita` tal-armi, il-persuna soġġetta għal proċeduri ta' investigazzjoni li jistgħu jwasslu għal deċiżjoni bħal dik mertu ta' dan ir-rikors għandu jkollha wkoll id-dritt li tressaq il-provi, id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li jkollha aċċess komplet għall-informazzjoni u dokumenti kollha rilevanti. Dan ukoll mhux garantit la waqt il-proċeduri ta' indaġni mwettqa mill-Korp u anqas fil-proċeduri tal-appell;

<u>Il-ksur tad-dritt tal-parita` tal-armi</u>

18. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti tirrileva wkoll illi hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma jkun hemm ebda parita` tal-armi;

19. Id-dritt ta' non-inkriminazzjoni jinsab li huwa leż bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti, speċifikatament ir-Regolament 21 tal-istess Regolamenti stante illi ma jagħtix protezzjoni xierqa skont l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-impożizzjoni ta' multi ta' din ix-xorta huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil Southern Cross SICAV plc biex tagħti l-informazzjoni mitluba f'investigazzjoni.

20. Il-multi huma wkoll ta' natura punittiva u jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tal-Korp, li wara kollox huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le;

21. Dawn id-dispożizzjonijiet huma totalment opposti għad-dritt tal-parita` tal-armi, peress illi l-persuna li qed tiġi investigata mhijiex mogħtija l-għażla dwar x'tip ta' informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorita` investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi tali informazzjoni. Mhux talli hekk, talli persuna suġġetta għal investigazzjoni tispiċċa daharha mal-ħajt u minħabba n-natura punittiva tal-liġi, tkun imġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha;

22. Il-kumpannija rikorrenti tinnota wkoll illi fir-rigward ta' termini, hemm ukoll nuqqas kbir ta' parita` ta' armi, stante illi l-Korp għandu d-diskrezzjoni assoluta illi

jagħmel investigazzjoni meta jrid, jista' jdum kemm irid sabiex jikkonkludi tali investigazzjoni, joħroġ ir-rapport, u jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, il-persuna soġġetta hija marbuta bi żmien limitat skont kif konċess lilha mill-Korp abbażi tad-diskrezzjoni tiegħu, u jekk dan iż-żmien ma jiġix sodisfatt, il-Korp jista' jimponi multa amministrattiva fuqha. Apparti hekk, wara li l-Korp jista' jieħu ż-żmien kollu li hemm bżonn biex jinvestiga u joħroġ id-deċiżjoni tiegħu, il-persuna soġġetta hija kostretta b'terminu ta' għoxrin ġurnata sabiex tifhem id-deċiżjoni u tintavola appell minnha, u dana kollu mingħajr ma għandha aċċess għall-*files* fir-rigward tagħha u li qegħdin għand il-Korp biss;

23. Għaldaqstant, jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi d-drittijiet tal-kumpannija rikorrenti skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qegħdin jiġu leżi;

<u>Ksur tal-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni</u>

24. Inoltre` u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti tippreċiża illi l-proċess ta' investigazzjoni adottat mill-Korp jikser id-drittijiet fundamentali tagħha skont kif protetti mill-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni;

25. Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi kull min ikun akkużat b'reat kriminali *"għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat."* Fuq l-istess binarji, l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala dritt minimu, tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u fid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha;

26. Il-kumpannija rikorrenti tosserva wkoll illi l-protezzjoni taħt dawn l-artikoli tapplika anke waqt l-investigazzjoni tal-Korp li twassal għall-ħruġ tal-ittra tagħha datata 2 ta' Settembru 2021 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. SCS 3**) permezz ta' liema infurmat lill-kumpannija rikorrenti illi sab indikazzjonijiet ta' potenzjali ksur tar-Regolamenti u tal-*FIAU Implementing Procedures* u sussegwentement id-Deċiżjoni;

27. Qabel ma l-Korp ħa d-deċiżjoni tiegħu, huwa ħareġ l-ittra li biha informa lill-kumpannija rikorrenti dwar il-fatt li hu kien qed jikkunsidra jimponi multa għall-ksur tar-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* u fejn infurmaw lill-istess kumpannija li mill-*compliance inspection* li għamel sab li kien hemm xi nuqqasijiet u kien qed jaħseb sabiex isib ksur tal-liġijiet applikabbli f'dan ir-rigward. Huwa mbagħad għadda biex talab lill-kumpannija rikorrenti sabiex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet u kjarifiki tagħha qabel ma l-Korp jikkonkludi l-investigazzjoni tiegħu. Nonostante dan, il-Korp ma ta ebda informazzjoni lil Southern Cross SICAV plc dwar l-ammont ta' penali li kien beħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u allura l-kumpannija rikorrenti ma setgħetx tkun konsapevoli tan-natura tal-gravita` tal-akkuża fil-konfront tagħha, li għaldaqstant jirriżulta f'leżjoni tal-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni;

<u>Ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni</u>

28. Il-kumpannija rikorrenti tirrileva li mid-Deċiżjoni jirriżulta wkoll ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, peress illi l-maġġor parti tal-ksur iċċitat fid-Deċiżjoni huwa bbażat fuq interpretazzjoni suġġettiva għall-aħħar tar-regoli kontenuti fir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures*;

29. Sabiex ir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, dawn għandhom ikunu ċari biżżejjed b'tali mod u manjiera li ma jnisslux dubju dwar kif wieħed għandu jonora l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-liġi. Wara kollox, l-ebda awtorita` pubblika m'għandha żżomm ċittadin responsabbli ta' xi ksur ta' Regolament mingħajr ma jkun hemm ksur ta' liġi jew regolament li jimponu obbligu ċar, u fejn il-liġi tħalli diskrezzjoni dwar kif għandu jew jista' persuna jonora l-obbligi imposti fuqu mil-liġi, l-benefiċċju tad-dubju għandu f'kull każ ikun favur iċ-ċittadin;

30. Mid-Deċiżjoni jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi hemm ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni bil-mod ta' kif ġew interpretati partijiet mir-Regolamenti u/jew l-*Implementing Procedures* mill-Korp fid-Deċiżjoni, kemm peress illi dawn id-dispożizzjonijiet huma miktuba b'mod ġeneriku għall-aħħar, kif ukoll mill-mod arbitrarju ta' kif ġew applikati. Mhux talli hekk, talli kif ġia ngħad, meta l-Korp ħareġ l-ittra datata 2 ta' Settembru 2021 fejn stieden lil Southern Cross SICAV plc sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha qabel ma l-Korp jasal għad-deċiżjoni finali, il-Korp ma nfurmax lill-kumpannija rikorrenti dwar l-ammont ta' penali li kien qed jaħseb biex jimponi għal kull allegat ksur u b'hekk ma setgħetx tkun taf il-gravita` tal-akkuża fil-konfront tagħha;

31. Il-Korp jippretendi illi fejn il-liġi timponi fuq persuna suġġetta obbligi u/jew rekwiżiti ġeneriċi, il-Korp għandu d-diskrezzjoni assoluta li dawk l-obbligi u/jew rekwiżiti ġeneriċi jinterpretahom kif irid hu, bi kwalunkwe mod suġġettiv u arbitrarju kif jaħsibha hu, u mingħajr m'għandu għalfejn ikun raġonevoli jew jagħti raġunijiet għall-mod kif interpreta tali obbligi ġeneriċi jew għad-deċiżjoni li jkun ħa. Fid-dawl ta' dan, kull tip ta' diskrezzjoni li għandu l-Korp mhijiex assoluta u ma tistax tkun suġġettiva għal kollox, b'dan illi kwalunkwe suġġettivita` tmur kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni;

**D. <u>It-Talbiet</u>**

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jiksru d-drittijiet fundamentali ta' Southern Cross SICAV plc skont kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni;

ii. Tiddikjara li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet l-ittra ta' nhar it-2 ta'

Settembru 2021, jilledi l-Artikolu 39(6) (a) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni;

iii. Tiddikjara illi l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-*Implementing Procedures* abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jiksru l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

iv. Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp, jilledi l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

v. Konsegwentement tiddikjara nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' *compliance review* li għamel il-Korp;

vi. Tiddikjara nulli u inattendibbli d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tordna t-tħassir kollu tagħha jew *in parte*;

vii. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq ċitati fil-konfront tas-soċjeta` esponenti;

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi;

Rat ir-Risposta tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In via preliminari l-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti għandha rimedju ordinarju effettiv għad-dispożizzjoni tagħha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċiżjonijiet tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrenti għażlet li tużufruwixxi ruħha minn dak ir-rimedju u intavolat l-appell tagħha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell għadu pendenti. Għalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrenti għad mhuwiex eżawrit.

Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrenti għadha qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti għażlet li tintavola appell, hija għandha tistenna li dak l-appell jieħu l-kors kollu tiegħu billi f'dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali fir-rigward tal-istess. Jekk sal-lum għadu qed jiġi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk is-sanzjoni imposta tramite d-deċiżjoni tal-Korp, hux ser tiġi kkonfermata jew le, wieħed ma jistax f'daqqa waħda jinsa' li potenzjalment dik is-sanzjoni tista' tiġi ikkonfermata jew imħassra, u jgħaddi biex jara jistax jannulla dik

is-sanzjoni abbażi ta' ksur ta' liġi speċjali dwar drittijiet fundamentali (ħaġa li tippresupponi li s-sanzjoni ġiet diġa' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju ieħor taħt il-liġi ordinarja).

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi nnifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' oħra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Fi kwalsiasi każ u kompletament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ebda dispożizzjoni tal-Kap 373, tar-regolamenti sussidjarji jew tal-Implementing Procedures, u lanqas id-deċiżjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addiritura l-proċess amministrattiv li wassal għall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

5. Dejjem mingħajr preġudizzju, għal dak li jirrigwarda kif mexa il-Korp, jiġi eċċepit illi l-Korp esponent ma għamel xejn ħlief mexa mal-Liġi u għalhekk ma jistax jinstab responsabbli ta' xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

6. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli, regolamenti u proċeduri sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġislatur Malti huwa marbut bir-rekwiżiti tal-istess fit-traspożizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wieħed għandu jqis il-prinċipju ġenerali abbraċċat mill-Qrati Ewropej illi l-Liġi Kommunitarja hija preżunta bħala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi każ, japplika l-prinċipju ta' supremazija tal-Liġi Kommunitarja. Fil-fatt l-obbliġi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbliġi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluż il-Liġi Ewropea kif ġia ingħad, u obbliġi internazzjonali oħra inkluż ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.

7. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament għall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jagħmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda każ ta' leżjoni tad-drittijiet sanċiti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli għall-każ odjern.

8. Il-proċess adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u s-sanzjoni imposta mill-Korp hija amministrattiva. Il-*quantum* tas-sanzjoni m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li għandha tiġi meqjusa meta wieħed jiġi biex jiddetermina in-natura tas-sanzjoni. L-imsemmija sanzjoni la tista' twassal għal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tiġi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiża biss bħala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda sanzjoni hekk imposta ma hija konvertibbli fi priġunerija. Il-*quantum* għandu jkun

konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-Persuna Suġġetta relattiva; evidentement sabiex sanzjoni amministrattiva tkun effettiva, jeħtieġ illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

9. Inoltre l-Kap 373 u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bħala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

10. Għalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qiegħda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-każ odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' dawk il-garanziji kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu si tratta dwar proċeduri ta' natura amministrattiva.

11. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Il-Korp għandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-Persuni Suġġetti u dwar l-impożizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jaġixxu ta' prosekuzzjoni, gurija u mħallef fl-istess każ, kif donnha tallega r-rikorrenti fir-rikors tagħha.

12. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bħala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suġġetti sabiex jassiġura l-konformita' tagħhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intiżi sabiex l-imsemmija Persuni Suġġetti ma jiġux utilizzati minn terzi għall-finijiet ta' ħasil ta' flus jew finanzjar ta' terroriżmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Liġi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appożiti f'każ ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp *qua* Regolatur huwa proprju l-osservanza tal-dispożizzjonijiet tal-Liġi u l-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. Għalhekk ukoll il-Korp esponent huwa għal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa għandu huwa propju l-osservanza tal-Liġi.

13. Għalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

14. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-Artikolu 13A tal-Kap 373[4] jagħti rimedju adegwat sabiex jiġi assiġurat id-dritt tas-smigħ xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-Persuna Suġġetta li fuqha tkun ġiet inflitta sanzjoni, għandha opportunita' li tressaq il-każ **<u>kollu</u>** tagħha – kemm fuq punti ta' fatti, u kif ukoll punti ta' liġi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Liġi u mogħnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd għal smigħ xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-

[4] 13A.(1) *Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef ewro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva* ***kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu****.* [enfasi mizjud]

esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija suffiċjenti ta' smigħ xieraq fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-Korp. Għalhekk ukoll ma jista' jirriżulta ebda ksur la tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

15. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju l-lanjanzi tar-rikorrenti jridu jittieħdu fil-kuntest tas-smigħ li ngħatat l-istess rikorrenti fil-kawża tagħha u mhux jiġu eżaminati *in vacuo* jew fuq mera spekolazzjoni. Għalhekk l-ewwel u qabel kollox, għandu jiġi eżawrit il-proċess tal-appell għaliex inutili li wieħed iqis dawn l-argumenti *a priori* imma jrid l-ewwel u qabel kollox jiġi deċiż l-appell biex wieħed ikun verament jista' jqis jekk is-smigħ li ngħata kienx adegwat u ġust. Jekk fis-smigħ tal-appell tagħha r-rikorrenti tkun ngħatat smigħ xieraq, allura inutili li minn issa r-rikorrenti tgħid li ma kellhiex aċċess għal proċess xieraq. Ir-rikorrenti tipprova tiskarta dan kollu billi tibqa' fuq livell teoretiku, ħaġa li hija kompletament illogika għax il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le, tiġi determinat b'referenza għall-proċess partikolari fil-konfront tar-rikorrenti u ma jistgħux isiru ġeneralizzazzjonijiet spekolattivi.

16. Mingħajr preġudizzju lanqas ma huwa l-każ li d-dritt ta' appell taħt l-Artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal għal xi inverżjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diġa' ressaq il-każ tiegħu fis-sħiħ, kif kontenut fid-deċiżjoni appellata stess u għalhekk, jekk f'dak l-istadju l-Persuna Suġġetta li tkun qiegħda tappella mis-sanzjoni jidhrilha li għandha provi xi tressaq, hija tkun qiegħda twieġeb għall-pożizzjoni meħuda mill-Korp ibbażata fuq il-provi kollha miġbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-*file* intern li jwassal għad-deċiżjoni tal-Korp li jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli għall-istess Persuna Suġġetta.

17. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, assolutament mhux minnu li ir-rikorrenti sofriet xi ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq minħabba xi nuqqas ta' parita' tal-armi jew għax ġiet sfurzata tinkrimina ruħha, kif tallega fir-rikors promotur.

18. Ir-rikorrenti ngħatat l-opportunita' kollha li tressaq il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet li dehrilha neċessarji qabel ma l-Korp esponent wasal għad-deċiżjoni tiegħu u għalhekk kellha opportunita' sħiħa għal smigħ xieraq. Ir-rikorrenti kienet involuta f'kull stadju tal-proċess u ġiet provduta bl-informazzjoni sħiħa biex tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod effettiv, inkluż bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt iż-żjara u billi ġiet fornuta b'dettall estensiv dwar il-vjolazzjonijiet potenzjali qabel ma ġiet mitluba tressaq ir-rappreżentazzjonijiet tagħha.

Inoltre l-proċess regolatorju jikkonċerna dokumenti tar-rikorrenti stess – *files* li kienu u dejjem baqgħu fil-pussess tar-rikorrenti u għalhekk kellha aċċess sħiħ għall-provi kollha li seta' kellha bżonn. Il-fatt biss li bil-liġi l-Korp esponent għandu s-setgħa li jeżamina l-*files* tal-Persuna Suġġetta sabiex jara jekk dik il-Persuna Suġġetta hix qed taqdi l-obbliġi tagħha, ma jfissirx li b'daqshekk ikun seħħ xi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

19. Mingħajr preġudizzju fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrenti ġiet sforzata tinkrimina ruħha, jiġi eċċepit qabel xejn illi dak dritt li japplika biss fil-

kamp kriminali u għalhekk m'għandux rilevanza għal dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata.

20. Mingħajr preġudizzju l-Korp jeżerċita l-irwol superviżorju tiegħu, li huwa essenzjali għall-funzjoni tiegħu ta' monitoraġġ tas-settur finanzjarju fil-pajjiż fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Jekk il-Korp jitlob li jara dokumentazzjoni li suppost il-Persuna Suġġetta hija obbligata bil-liġi li żżomm, u l-Persuna Suġġetta tonqos li tforni dik id-dokumentazzjoni jew informazzjoni, il-Korp ma jistax jassumi li dik id-dokumentazzjoni teżisti jekk ma jkunx raha, u stante n-natura regolatorja tal-ksur huwa evidenti li jekk il-Persuna Suġġetta ma tissupplixxix dokument jirriżulta li tkun naqset li tonora l-obbligu legali tagħha li jkollha dak id-dokument. Ma tistax il-Persuna Suġġetta tippretendi li ma tfornix evidenza tal-fatt li hija qed issegwi l-obbligi imposti fuqha mil-liġi, u tippretendi fl-istess ħin li tiġi eżentata mis-sanzjoni jew li jiġi preżunt li hija kienet konformi mal-liġi mingħajr ebda evidenza li verament qdiet l-obbligi tagħha. Jekk il-Persuna Suġġetta tkun imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-liġi, tali obbligu jimponi wkoll li jkollha evidenza f'idejha ta' dak l-istat ta' fatt, u l-fatt li ma tipproduċi ebda evidenza jfisser li l-Korp ma jistax jiddetermina li l-Persuna Suġġetta qdiet l-obbligi tagħha. Għalhekk ir-rikorrenti ma għandhiex raġun tgħid li bathiet xi nuqqas ta' parita' ta' armi u lanqas li ġiet imġiegħela b'xi mod tinkrimina ruħha (dan apparti li mkien ma ntwera x'kien ir-reat li suppost inkriminat ruħha bih).

Hawnhekk ta' min jirrileva wkoll illi lanqas fi proċeduri li huma strettament penali (ħaġa li l-proċeduri quddiem il-Korp **ma humiex**) ma jitqies li ċertu obbligi regolatorji jwasslu għal xi ksur bħal dak li tilmenta minnu r-rikorrenti, aħseb u ara fil-każ odjern li huwa wieħed **purament amministrattiv**. Fil-fatt anke fi proċeduri penali bħal per eżempju dawk li jittrattaw ksur tal-obbligi tal-principal (*employer*) fil-qasam tal-*health and safety* il-Qorti hija marbuta li ssib lill-imputat ħati jekk per eżempju ma jkunx għamel *risk assessment* jew jekk dan ir-*risk assessment* ma jkunx adegwat, u b'daqshekk ma jkunx hemm ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq u lanqas ma jfisser li l-Liġi tkun ġabet lill-imputat f'pożizzjoni li jinkrimina ruħu. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux* deċiża fl-1 ta' April 2005, "*there may be circumstances in which it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself*". Żgur għalhekk li jekk lanqas hemm ksur ta' drittijiet fundamentali fejn il-Liġi stess tiddefinixxi l-ksur tal-obbligu bħala reat kriminali (bħal fil-każ tal-*health and safety*), aktar u aktar ma jistax jingħad li fil-każ odjern l-obbligu regolatorju fil-qasam tad-dritt amministrattiv tar-rikorrenti b'xi mod jilledi xi dritt.

21. Mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost ir-rikorrenti kellha żmien biżżejjed biex tagħmel is-sottomissjonijiet u tressaq il-provi tagħha. Id-durata tal-proċess superviżorju ma jistax jiġi mqabbel mal-perjodu li l-Persuna Suġġetta tingħata biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha jew biex tintavola l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Korp; addirittura dan tal-aħħar jirriżulta *ex lege*. Wara kollox il-Persuna Suġġetta tkun familjari mal-*files* tagħha stess u għalhekk qiegħda f'pożizzjoni ta' vantaġġ meta mqabbla mal-Korp innifsu li jrid il-ħin biex jevalwa *files* li ma jkunux tiegħu u li ma jkun ra qatt qabel.

22. Kif ġia eċċepit l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u ma jsibu ebda applikabbilita' fil-kuntest odjern ta' proċeduri amministrattivi billi huma garanziji applikabbli biss fil-qasam penali.

23. Fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju, jiġi eċċepit illi r-rikorrenti erronjament tirreferi għall-proċess li wassal għad-deċiżjoni tal-Korp bħala wieħed "investigattiv" meta dak il-proċess huwa fil-fatt wieħed **superviżorju**. Dak li għamel il-Korp huwa *compliance review* li ssir bħala rutina regolatorja fuq il-Persuni Suġġetti b'mod ġenerali, u mhux fuq xi suspett ta' ksur tal-Liġi. Għalhekk *compliance review* hija min-natura tagħha differenti minn investigazzjoni u fuq kollox l-obbliġu ta' Persuna Suġġetta illi tipprovdi d-dokumenti mitluba minnha mir-Regolatur huwa obbliġu legali li jifforma parti minn spettru ikbar ta' obbliġi regolatorji ta' persuna suġġetta. Bħala persuna suġġetta r-rikorrenti taqa` taħt l-iskrutinju tar-Regolatur, li huwa l-Korp esponent – xejn ġdid u xejn mistur.

24. F'dan is-sens, meta jinbeda l-proċess ma jkun hemm ebda suspett kwalunkwe iżda merament tinbeda **proċedura regolatorja** fejn il-Korp jitlob aċċess għall-proċeduri u dokumenti tal-Persuna Suġġetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qiegħda taderixxi ruħha mal-obbliġi tagħha dwar il-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih ħlief li huwa ser jeżamina l-konformita' o meno mal-obbliġi regolatorji li jinkombu fuqha. Dan kif il-Korp fil-fatt għamel sa mill-punt inizzjali meta avvża lir-rikorrenti li ser issir il-*compliance review.*

Sussegwentement il-Korp bagħat l-hekk imsejħa *Potential Breaches Letter,* li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota n-numru estensiv tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi li kien jidher li ġew miksura. Dik l-ittra kienet waħda dettaljata immens li kienet kjarament telenka l-fatti kollha li kien jidher li wasslu għall-ksur ta' Liġi u kienet tagħmel referenza espressa għad-dispożizzjonijiet li kien jidher li ġew miksura. Dan kollu kien jixhed il-fatt li l-kwistjoni kienet serja u r-rikorrenti ma tista' qatt raġonevolament tgħid illi hija ma kellux ħjiel tal-gravita` tal-vjolazzjonijiet u l-implikazzjonijiet relattivi.

Is-sanzjoni eventalment imposta hija entro l-parametri stabbiliti mil-Liġi u mir-regolamenti applikabbli u kwindi r-rikorrenti kellha aċċess u għarfien sħiħ tas-sanzjonijiet li setgħu jiġu imposti fuqha, mingħajr ma kien hemm ebda ħtieġa li l-Korp jagħti xi pre-avviż speċifiku dwar l-ammont tas-sanzjoni potenzjali. Il-Persuna Suġġetta – bħala kull persuna oħra – hija preżunta li taf il-Liġi u ma tistax tistrieħ fuq nuqqas ta' għarfien tal-Liġi – *ignorantia juris non excusat.* Dan speċjalment fejn si tratta dwar Liġi speċjali li tirregola b'mod partikolari l-kategorija ta' entitajiet jew individwi li jikklassifikaw bħala Persuna Suġġetta in vista tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin jeżerċitaw.

25. Jiġi ribadit illi fil-mument li l-persuna suġġetta tirċievi l-*Potential Breaches Letter* – l-isem stess jindika – ma jkun hemm ebda 'ħsieb' predispost tal-Korp la illi jikkonferma dak in-nuqqas u wisq inqas tal-multa illi ser jimponi f'każ illi n-nuqqas jiġi kkonfermat. L-unika informazzjoni li l-Korp jista` jgħaddi lill-persuna suġġetta f'dak il-mument huma biss dettalji dwar in-nuqqasijiet li ġew rilevati mill-fergħa superviżorja tiegħu u konsegwentement jalloka żmien adegwat, kif fil-fatt għamel, sabiex il-persuna suġġetta tressaq il-pożizzjoni tagħha. Huwa

biss wara li jkollu s-sottomissjonijiet tal-Persuna Suġġetta illi l-Korp jersaq sabiex jiddeċiedi jekk in-nuqqasijiet 'potenzjali' sarux nuqqasijiet 'reali' u jimponi l-konsegwenza amministrattiva, jekk ikun il-każ.

26. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, il-Korp javża li jkun jidher illi seta' kien hemm ksur ta' Liġi u jagħti d-dettalji kollha relattivi għal dak il-ksur biex il-Persuna Suġġetta tkun tista' tiddefendi ruħha. Madanakollu, hija l-Liġi nnifisha li tipprovdi għas-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur ta' Liġi, u dan kif stabblit fir-Regolament 21. Ebda Persuna Suġġetta li jiġi indikat lilha xi ksur potenzjali kien hemm, ma tista' tgħid li ma tafx x'sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti – *ignorantia juris non excusat*.

27. Għalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-Artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(6) tal-Kostituzzjoni.

28. Jiġi eċċepit ukoll illi ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-Regolamenti jew tal-*Implementing Procedures* ma tilledi d-dritt fondamentali kif sanċit fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

29. Fl-ewwel lok l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea t-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u għalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern li jikkonċerna multi amministrattivi imposti mir-Regolatur, dan kif ġia eċċepit hawn fuq.

30. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-talba rikorrenti konċernanti l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, dawn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u għalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern li jikkonċerna multa amministrattiva imposta mir-Regolatur, dan kif ġia eċċepit hawn fuq.

31. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, t-talba rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ma tistax tintlaqa' in kwantu hija waħda ġenerika li ma tidentifikax liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Liġi allegatament "ġeneriċi".

32. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, jiġi eċċepit li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi huma ampjament ċari, ċerti u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubju dwar l-obbliġi li jinkombu fuq il-persuna suġġetta. F'dan ir-rigward, jiġi rilevat illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas ma indikat liema huma dawk id-dispożizzjonijiet li qiegħda tallega li jilledu d-drittijiet tagħha. Daqstant ieħor huma ċari fil-Liġi l-multi li tista' teħel il-persuna suġġetta u għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-proċess ta' *compliance review* u d-deċiżjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.

33. Jiġi eċċepit ukoll illi ebda parti mid-deċiżjoni tal-Korp, jew tal-mod kif iddeċieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmi artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Liġi hija ċara kif ingħad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Liġi sew jew le, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali iżda tirrigwarda l-mertu tal-każ innifsu li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, tħassar jew tikkonferma d-deċiżjoni tal-Korp.

34. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat ukoll illi huwa min-natura ta' proċess amministrattiv illi l-entita' munita bil-poter deċiżjonarju jkollha element ta' diskrezzjoni fl-eżerċizzju ta' dak il-poter deċiżjonarju tagħha. B'daqshekk ma jfissirx li seħħ xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-Persuna Suġġetta. Inoltre, u fi kwalsijasi każ, il-Korp eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ġust u raġjonevoli pero' din mhix kwistjoni ta' drittijiet fundamentali iżda propju l-mertu tal-appell li għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. U kwindi in kwantu r-rikors huwa premess fuq il-mod kif il-Korp jeżerċita jew eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu jew fuq il-mod kif jinterpreta jew interpreta l-liġi u r-regolamenti, it-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa billi m'humiex talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali iżda huwa biss mertu tal-appell taħt il-Liġi ordinarja. Dan huma sempliċement tentattiv li jiġi kkreat appell tat-tielet istanza, ħaġa li ċertament il-liġi ma tittollerax u ma għandux ikun li l-proċess Kostituzzjonali jiġi abbużat b'dan il-mod.

35. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, l-*Implementing Procedures* kif ukoll il-proċessi ta' *compliance review* u d-deċiżjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jew drittijiet oħra fondamentali u huma lkoll validi.

36. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti sussidjrji u l-*Implementing Procedures* li abbażi tagħhom il-Korp sab il-ksur tal-obbliġi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi każ mexa skont il-Liġi, inkluż fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni tiegħu, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk l-allegazzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

37. Għalhekk ukoll l-esponent ma jista' jiġi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tar-rikorrenti.

38. Assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din il-Qorti jidhrilha li xi waħda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa (u dan qed jingħad purament għall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet għandhom effettivament jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom) allura f'dak il-każ dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali għandha tkun suffiċjenti u m'għandux ikun il-każ li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.

39. Mingħajr preġudizzju, jingħad ukoll illi ebda talba għal ħlas ta' danni m'għandha tintlaqa' għaliex ma saret ebda referenza fir-rikors promotorju dwar xi danni morali sofferti mir-rikorrenti u wisq inqas saret talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` għal danni morali u talba għal kwantifikazzjoni tal-istess.

40. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

*Preliminari*

1. Preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex il-kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu ma ġiex deċiż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

2. Preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali.[5] L-artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A u/jew 13B, u/jew 13C u/jew 18. u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

*Mertu*

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tal-kumpanija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1) u (6)(a) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6§1 u 6§3 tal-Konvenzjoni Ewropea; u lanqas ai termini tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li

*[5] Dan ġie wkoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021.*

jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

5. Hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef ewro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu.*"

6. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

7. L-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. B'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "*hard core of criminal law*" u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

9. L-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

10. Il-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), **kemm fuq punti ta' liġi u kemm fuq il-mertu**;

11. Jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;

12. L-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;

13. Jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;

14. Fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti. Għalhekk, l-artikoli u r-regolamenti li qed jiġu attakkati, flimkien mad-deċiżjoni nnifisha huma validi u ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħat is-sottomissjonijiet bil-fomm li saru waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2023.

Rat li din il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-Korp intimat u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat.

Fl-ordni loġiku-ġuridiku, l-ewwel trid tiġi ttrattata t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Korp, li permezz tagħha jsostni li mhuwiex il-leġittimu kontradittur billi l-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux minnu. Dan għaliex jekk

din l-eċċezzjoni tintlaqa', u l-Korp jiġi estromess mill-proċeduri, lanqas jibqa' lok li l-Qorti titratta l-eċċezzjonijiet l-oħrajn.

Il-Qorti taqbel li l-Korp ma jweġibx għal allegazzjonijiet ta' liġijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem. B'danakollu, din mhix l-unika talba tar-rikorrenti, li qiegħdha tilmenta wkoll dwar il-mod kif il-Korp mexxa l-investigazzjonijiet tiegħu u l-mod kif iddeċieda. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi mwarrba safejn it-talbiet ma jikkonċernawx xi liġi jew xi regolament.

L-eċċezzjonijiet l-oħrajn, kemm tal-Korp kif ukoll tal-Avukat tal-Istat, jistgħu jissarrfu f'eċċezzjoni waħda: dik li l-Qorti għandha tuża' d-diskrezzjoni tagħha mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni ta' Malta billi tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha billi r-rikorrenti għandha rimedji ordinarji disponibbli u għalhekk din il-kawża kostituzzjonali hija intempestiva.

Huwa minnu li, kif sewwa osserva l-Avukat tal-Istat, din il-Qorti, kif ippreseduta, f'kawża b'fattispeċje li jixxiebħu sew ma' dik preżenti – **MPM Capital Investments Limited v Avukat tal-Istat et**.[6] iddeklinat li teżerċita s-setgħat tagħha. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti ġiet appellata iżda l-appell ġie ddikjarat irritu u null u għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ma setgħetx tikkunsidra l-mertu tiegħu.

Din il-Qorti, diversament ippreseduta, f'kawża oħra b'fattispeċje ferm jixxiebħu – il-każ tal-**Insignia**- ukoll iddeklinat li tuża' s-setgħat tagħha.[7] B'danakollu,

---

[6] *Mogħtija fil-15.11.2021.*
[7] *Mogħtija fit-30.07.2021.*

mill-istess deċiżjoni sar appell u l-Qorti Kostituzzjonali[8] irrevokat id-deċiżjoni tal-prim'istanza, wara li rraġunat li:

> 21. Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa l-investigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F'dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa' l-fatt li jkun x'ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att Kontra l-*Money Laundering* fosthom li l-FIAU hu awtorita` pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin.
>
> 22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mhemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.

Minkejja kif jista' jaħsibha l-Imħallef sedenti, u minkejja li f'Malta m'għandniex id-duttrina tal-preċedent, huwa opportun li din il-Qorti ssegwi t-tagħlim tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, sabiex ikun hemm konsistenza fis-sentenzi li jingħataw f'ġieħ iċ-ċertezza tad-dritt, u wkoll għaliex huwa prinċipju ġeneralment aċċettat li l-Qrati tal-Prim'Istanza m'għandhomx jiddistakkaw ruħhom leġġerment mill-qagħda li tieħu l-Qorti suprema.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti:

(1) tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Korp bil-mod kif fuq ingħad.

(2) tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Korp u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u għalhekk sejra tissokta bis-smigħ tal-kawża.

---

[8] *Insigna Cards Limited v Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni et. mogħtija 01.12.2021.*

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA